MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 248/2005

**Mark Vella u b`digriet tal-Qorti tat-8 ta` Marzu, 2006 assuma l-atti missier l-attur Anthony Vella peress li l-attur Mark Vella emigra minn Malta**

**vs**

**B`digriet tal-Qorti ta` l-14 ta` April, 2005 gew nominati Dr. Renzo Porsella Flores u PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw l-eredita` gjacenti tal-mejjet John Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-11 ta` Marzu, 2005, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Ricentement l-attur sar jaf li gravanti l-beni tieghu giet skritta ipoteka gudizzjali (generali) bin-numru progressive

8691 registrata fit-tlettax (13) ta` Gunju, 1997 minn John Farrugia ghall-ammont ta` sebat elef u sbatax-il lira u sebghin centezmu (Lm7,017.70);

Skond in-nota ta` iskrizzjoni relattiva (kopja hawn annessa u mmarkata bhala dokument *'A'*) dan l-ammont huwa dovut mill-attur lil John Farrugia skond Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fid-dsatax (19) ta` April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet *John Farrugia vs Mark sive Marco Vella* (citazzjoni numru 1248/92), kopja ta` liema Sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument *'B'*;

L-attur hallas id-dejn li kellu jaghti u issodisfa l-obbligi li l-attur kellu, skond l-imsemmija Sentenza tad-dsatax (19) ta` April, 1993 (citazzjoni numru 1248/92), fil-konfront tal-mejjet John Farrugia u ghalhekk illum l-attur ma ghadx ghandu obbligi jew dejn versu il-konvenuti *nomine* u kwindi, galadarba d-dejn garantit bl-imsemmija ipoteka gudizzjali gie saldat, huwa sew, gust u legali li l-imsemmija ipoteka tigi kkancellata;

*In ogni caso* John Farrugia ma kellux dritt jirregistra ipoteka gudizzjali ghall-ammont ta` sebat elef u sbatax-il lira u sebghin centezmu Maltin (Lm7,017.70) billi l-Qorti tal-Kummerc fl-imsemmija Sentenza taghha tad-19 ta` April, 1993 u li fuqha hija dipendenti l-istess ipoteka gudizzjali, ikkanonizzat biss bhala l-ammont dovut mill-attur lil John Farrugia, l-ammont ta` elf lira Maltin (Lm1,000) u dan meta laqat l-ewwel talba attrici. Ghalkemm it-talbiet attrici l-ohra intlaqghu wkoll mill-imsemmija Qorti, dawn ma jikkontemplawx ammonti fissi ossija kannonizzati bhala dovuti mill-attur, salv l-imghax fuq l-imsemmija somma ta` elf lira maltin (Lm1,000) u l-ispejjez tal-proceduri relative (Dok. E);

L-istess John Farrugia miet fil-15 ta` Jannar, 2003 (*vide* c-certifikat tal-mewt tieghu hawn anness u mmarkat bhala dokument *'C'*);

It-tlett tfal eredi ta` John Farrugia rrinunzjaw l-eredita` ta` missierhom kif jirrizulta min-nota taghhom pprezentata fis-Sekond`Awla tal-Qorti Civili fil-26 ta` Marzu, 2003

(Digriet numru 345/2003 kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala dokument *'D'*);

L-eredita` ta` l-imsemmi John Farrugia illum tinsab gjacenti;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-attur hallas id-dejn li kellu jaghti u issodisfa l-obbligi li skond l-imsemmija Sentenza tad-dsatax (19) ta` April, 1993, kellu fil-konfront tal-mejjet John Farrugia, u li l-attur ma ghadx ghandu obbligi jew dejn versu il-konvenuti *nomine*.

2. Tordna lill-konvenuti *nomine* sabiex jikkancellaw l-imsemmija ipoteka gudizzjali bin-numru progressive 8691 datata t-tlettax (13) ta` Gunju, 1997.

3. F`kaz li din il-Qorti ma tilqax it-talbiet attrici precedenti, tordna lill-konvenuti *nomine* jirriducu l-imsemmija ipoteka gudizzjali sabiex tirrifletti l-ammont bilancjali li l-attur, dejjem skond kif tiddetermina l-Qorti, illum ghad irid ihallas lill-konvenuti nomine jew l-ammont li legalment hija permessa li tigi ipotekata mill-konvenuti nomine fuq gid l-attur, skond is-Sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet *John Farrugia versus Mark sive Marco Vella* imsemmija hawn fuq.

4. Tinnomina Nutar pubbliku sabiex f`jum, hin u post stabilijt minn dina l-Qorti jircievi u jippubblika l-att necessarju u /jew jaghmel dak necessarju sabiex jigu attwati kwalunkwe mit-talbiet precedenti li jigu milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li in forza taghha, wara li eccepew illi:

Qabel xejn huma ma jafux il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ohra aktar `l quddiem;

B`danakollu mad-daqqa t`ghajn jidher li hemm kontradizzjoni bejn l-ewwel zewg talbiet u t-tielet talba;

Fi kwalunkwe kaz qabel tintlaqa` t-tielet talba jinhtieg li wiehed jara kif inhadem l-ammont insinwat bl-ipoteka gudizzjali msemmija;

Ir-raba` talba tidher zejda.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-affidavit imressqa bhala prova;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li fl-1988, l-attur kien kera minghand certu John Farrugia magna li taghmel il-bqija fil-pakketti tas-sigaretti u dana bir-rata ta` Lm10 fil-gimgha. L-attur jghid li hu kera din il-magna minghajr zmien specifiku miftiehem, peress li hu kien xtara wahda gdida li kellha tigi mill-Awstralja, u l-ftehim kien li hu kellu jikri l-magna sakemm tasalu tieghu mill-Awstralja. John Farrugia, pero`, kien jikkontendi li l-kirja saret zgur ghal zmien sentejn, u wara, skond il-bzonn tal-attur. Wara xi ftit xhur, il-magna li l-attur ordna mill-Awstralja waslitlu, u hu cempel lil John Farrugia sabiex jigi jiehu l-magna tieghu lura. Dan tal-ahhar ma riedx jiehu l-magna lura, peress li insista li z-zmien tal-kirja kien itwal minn hekk. L-attur jghid li hu cempel lil dan Farrugia diversi drabi biex jigi ghal magna, pero`, dan baqa` qatt ma mar ghaliha. L-attur zamm il-magna ghandu sakemm, lejn l-ahhar tal-1992 jew bidu tal-1993 iddepozita l-magna barra l-garage ta` Farrugia; dan tal-ahhar irrizulta li sab il-

magna wara l-bieb tal-garage tieghu, peress li cempel lill-attur u qallu li ma ghamilx sew li hallielu l-magna hemmhekk. Peress li John Farrugia baqa` jinsisti li jithallas l-kera, darba minnhom l-attur cempillu u qallu biex imur sa hdejh halli jghattih xi flus; John Farrugia mar u inghata s-somma ta` Lm300. L-attur ma jiftakarx jekk il-flus taghhomlux fl-1993 jew l-bidu tal-1994. Meta ta` l-flus lil John Farrugia, qallu li issa ma kellux x`jaqsam izjed mieghu dwar il-kwistjoni tal-magna; John Farrugia, ha l-flus, pero`, baqa` jinsisti li ried hafna izjed u telaq il-barra bil-kliem *“issa impattilielek”*.

L-onesta tal-attur mhux qed titqieghed fil-dubju, pero` xorta jirrizulta li hu kkometta zewg zbalji kardinali:

(i) L-attur baqa` jzomm il-pussess tal-magna, avvolja ma kienx qed juzha u, skond hu, iz-zmien ghall-kirja (sakemm jakkwista tieghu mill-Awstralja) kien skada. Dan jaghmlu responsabbli ghall-hlas tal-kera ghall-tul iz-zmien kollu li l-magna baqghet fil-pussess tieghu (ara “Arrigo vs Gerada noe”, deciza mill-Qorti Civili tal-Magistrati fil-11 ta` Mejju, 2005). Huwa seta` iddepozita l-istess taht l-Awtorita` tal-Qorti u b`hekk jezimi ruhu minn kull responsabilita`, pero`, dan m`ghamlux, u allura huwa responsabbli ghal-hlas tal-kera.

(ii) L-attur ma zammx noti tac-cirkustanzi, partikolarment tad-dati, meta sehhew certi affarijiet, u, fuq kollox, ma insisthiex li certi ftehim jigu registrati bil-kitba. Hu veru li l-parti l-ohra ma riedet xejn bil-miktub, u lanqas cheques fuq isimha ma riedet, izda dan kellu jnizzel suspett fl-attur biex joqghod lura milli jinegozja mieghu. Avvolja fuq insistenza tal-parti l-ohra, l-attur ghazel u accetta li jinnegozja ma` John Farrugia verbalment u jiehu r-riskju li jikkontratta b`mod li jhalli dubji jew incertezzi dwar il-veru kontenut tal-ftehim.

Fid-dawl ta` dan, u wara ezami tal-provi, il-Qorti tasal biex taccetta li l-ftehim ta` kera tal-*vending machine* kellu jkun validu sa meta l-attur jakkwista tieghu mill-Awstralja. Nonostante dan, pero` hu zamm pussess tal-magna ta` Farrugia sal-bidu tal-1993. L-attur ma jiftakarx ezatt ma

irritorna l-magna, u jindika li dan sar lejn l-ahhar tal-1992 jew il-bidu tal-1993, u l-Qorti, fid-dubju, trid tiehu data aktar favorevoli ghall-kreditur. La darba id-debitur tal-obbligazzjoni ma jafx ezatt meta esegwixxa l-obbligazzjoni, u l-prova tal-esekuzzjoni hija mixhuta fuqu, (ara, fost ohrajn "Scicluna vs Cutajar", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta` Gunju, 2000), il-Qorti trid tiehu bhala data dik l-aktar favorevoli ghall-kreditur tal-obbligazzjoni. Hu veru li skond l-Avukat tal-kreditur, dan tal-ahhar qatt ma kien indikalu li hu kien effettivament ha konsenja tal-magna, izda mic-cirkustanzi l-Qorti hija konvinta li l-John Farrugia ha konsenja taghha zgur lejn l-bidu tal-1993. L-attur, fil-fatt, stqarr li hu kien irritorna l-magna u li Farrugia kien cempillu u, avolja b`rabja, irrikonoxxa l-konsenja.

Peress li ma giex indikat iz-zmien *"fil-bidu tal-1993"* meta saret il-konsenja, il-Qorti sejra tqies li dan sar l-ahhar ta` Frar 1993. Kwindi, sa l-ahhar ta` Frar, 1993 l-attur kien obbligat li jhallas il-kera ghall-magna.

L-attur jghid ukoll li hu hallas Lm300 lil John Farrugia biex jiddetermina l-kwistjoni. Fuq dan hemm diversi problemi, l-aktar wahda hi li ma jirrizultax jekk il-hlas sarx qabel jew wara d-19 ta` April, tal-1993, cioe`, d-data tas-sentenza deciza kontra l-attur. Fil-fatt, l-attur stess ma setax jghid meta sar dan il-hlas. Hemm dubju ukoll jekk il-hlas sarx u gie accettat ghas-saldu. L-attur jghid li, mal-pagament, hu insista li l-hlas kien qed isir darba ghal dejjem u biex jaqta` l-kwistjoni. John Farrugia jidher li ma accettax din il-kondizzjoni, pero`, jidher li ha l-flus. Jidher ukoll li din l-accettazzjoni tieghu tal-flus saret b`rizerva ghal hlas ulterjuri, pero`, anke jekk il-Qorti ssegwi dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Apap vs Gasan et", deciza fis-26 ta` Novembru, 1986, fis-sens li meta ssir offerta ta` hlas ghas-saldu, l-accettazzjoni ta` dak il-hlas ma tistax tkun kondizzjonata ghal-hlas ulterjuri, izda l-offerta trid tkun accettata kif inhi jew rifjutata (fi kliem iehor, hlas offrut ghas-saldu, ma jistax jigi accettat bhala pagament akkont – ara wkoll "Trinatours Ltd vs Camilleri", deciza mill-Qorti Civili tal-Magistrati fis-27 ta` April, 2001) xorta jibqa` l-fatt, li ma jirrizultax meta sar dan il-hlas. Kieku kien jirrizulta car li l-hlas sar wara s-sentenza tal-

Qorti, wiehed kien ikun jista` jargumenta li, mal-accettazzjoni tal-hlas, Farrugia irrinunzja ghall-effetti ta` dik is-sentenza. Jekk, pero`, il-hlas kien sar qabel is-sentenza, l-izjed li jista` jinghad hu li s-sentenza giet akkwistata bi frodi li jaghti lok ghat-thassir taghha wara retrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta. F`dan il-kaz, talba ghat-thassir tas-sentenza ma saretx, u issa ma tistax issir a bazi ta` dak li jinghad fl-artikolu 818(2) tal-istess Kap. 12. L-ordni pubbliku ma jippermettix li l-Qorti tinjora decizjoni ta` dawn il-Qrati li ghaddiet in gudikat, u lanqas li din titwarrab daqs li kieku qatt ma inghatat. La darba ma irrizultax li l-awtur tal-konvenuti, bhala l-kreditur kanonizzat tal-obbligazzjoni, qatt irrinunzja ghal effetti ta` dik is-sentenza, il-Qorti trid bil-fors taghtiha effett.

L-allegazzjoni tal-attur li hu qatt ma ircieva avviz tal-kawza deciza kontrih f`April, 1993, setghet ukoll taghti lok ghall-proceduri ta` retrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(b) tal-istess Kap. 12, pero`, ma ittiehdux il-proceduri appoziti u sallum dik is-sentenza kienet u ghada ezegwibbli. Din il-Qorti, pero`, trid tiehu konjizzjoni tal-fatt li l-magna in kwistjoni giet ritornata fl-ahhar ta` Frar, 1993, u li, f`kull kaz, sar pagament ta` Lm300.

Dan ifisser li l-kreditu ta` John Farrugia jammonta ghal Lm2440 (Lm1,000 skond l-ewwel talba u Lm10 fil-gimgha mis-6 ta` April, 1990, sal-ahhar ta` Frar, 1993, cioe`, 144 gimgha), li meta tnaqqas Lm300 igib ghal Lm2140. Dan oltre l-imghax sad-data tar-registrazzjoni tal-ipoteka l-ispejjez tal-kawza li l-attur gie ikkundannat ihallas.

L-ispejjes tal-kawza lahqu s-somma ta` Lm268.40, fil-waqt li l-imghax dovut sat-13 ta` Gunju, 1997, jilhaq is-somma ta` Lm684.80 (u dana peress li, fil-kawza deciza fid-19 ta` April, 1993, intalbu l-imghax, izda ma ntalbux min certa data, u, ghalhekk, ghandhom jitqiesu li bdew jiddekorru mid-data tas-sentenza). B`hekk, l-ammont dovut huwa ta` Lm3,093.20 u l-ipoteka gudizzjali numru 8691 registrata fit-13 ta` Gunju, 1997, ghandha jkollha l-kreditu taghha ridott ghal din is-somma.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-ewwel u t-tieni talba tal-attur, izda tilqa` in parte t-tielet talba billi tordna li l-ipoteka gudizzjali numru 8691 registrata fit-13 ta` Gunju, 1997, tigi ridotta ghal-Lm3093.20 (tlett elef, tlieta u disghin liri Maltin u ghoxrin centezmu), u tahtar lin-Nutar Dottor Roland Wadge sabiex a spejjez tal-attur u bhala rizultat ta` din is-sentenza, jaghmel dak mehtieg biex jirriduci l-imsemmija ipoteka gudizzjali ghall-ammont indikat.

L-ispejjez ta` din il-kawza jithallsu mill-eredita` konvenuta b`dan li provizorjament id-drittijiet dovuti lill-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------